# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Nru. 18 — IT-TNEJN, IT-2 TA' AWISSU, 1943. — Nru. 18


# KELMTEJN MILL-EDITUR

## IL-GVERN U R-RABA' SAQWI

### Il-Ħtieġa tas-Saqwi

IL-GWERRA tal-1914-1918 kienet għallmet lid-dinja kollha li ma jiswa xejn li pajjiż ikollu flotta kbira, armata kbira u forza kbira ta' l-ajru jekk il-pajżani tiegħu jkunu neqsin mill-ikel. Il-gwerra li issa qegħdin fiha kompliet wettqet dak li qed ngħidu, u ħadd ma jista' jgħidu dan iżjed bis-saħħa milli nistgħu ngħiduh aħna, u dawk li kienu hawn-hekk magħna tul it-Tieni Assedju Kbir ta' Malta u l iżjed fis-sajf tal-1942. Din il-Gwerra wriet mingħajr dubju ta' xejn li mal-forzi li semmejna hawn fuq, jinħtieġ ikun hemm oħra u din hi dik tal pro dutturi tal-ikel.

Biex pajjiż ikun sod jinħtieġ illi l-biedja tiegħu tkun mibnija fis sod ukoll. Pajjiż bħalna li l forza tal-biedja tiegħu qiegħda fuq il-bagħli qisu bħal dik id-dar li tkun mibnija fuq ir-ramel. Hi ħaġa li wieħed il-lum malajr jista' jifhimha illi, kieku aħna kellna iżjed saqwi milli għandna, kieku l-qagħda li sibna ruħna fiha fis-sajf tal-1942 ma kienet qatt tkun hekk serja, u t-tbatijiet li batejna f'dak iż-żmien, kienu jkunu wisq inqas. Is-saqwi tal-Gżejjer tagħna kien dejjem wieħed mill-problemi l-iżjed serji. Issa l-Gvern ħass il-ħtieġa li jieħu f'idejh din il-problema mingħajr ma joqgħod jistenna żminijiet aħjar, jew mingħajr ma jistenna li tispiċċa l-Gwerra.

### Tfittxija u ippumpjar ta' l-Ilma

Wieħed mill-iktar esperti li jifhem f'din il-materja ngieb minn barra fil-persuna tal-Professur Bailey li għamel studju u tfittxija bir-reqqa u bil-għaqal ta' din il-problema, u ta f'idejn il-Gvern ir-rapport tiegħu. Il-Gvern beda malajr jimxi fuq ir-rikkmandazzjonijiet li kellu quddiemu. Ġieb minn barra makni ta' xogħol tassew sabiħ — li jtaqqbu toqba ta' 10 pulzieri sa fond ta' 800 pied bl-40 pied kuljum — flimkien ma' muturi ta' l-ilma li jippumpjaw 5,000 gallun fis-siegħa. M'għandniex għalfejn insemmu illi dan sewa lill-Gvern spejjeż tabilħaqq kbar, l-iżjed f'dawn iż-żminijiet. Iżda l-Gvern dana għamlu biex jiffranka wkoll lill-bdiewa n-nefqa ta' kapital ta' flus li forsi iżjed 'il quddiem ikunu jriduhom għal ħwejjeġ oħra. Il-kapitali kbar ħariġhom il-Gvern u lill-bdiewa, li tahom l-ilma, gagħlhom iħallsu biss 6s. 8d. fis-sena bħala renta ta' kiri għall-armar tat-tisqija, u ta' l-ilma huma jħallsu bit-8d. f'kull elf gallun. Il-Gvern jiggarantixxi l-ilma għal ħames snin.

Kemm huma tabilħaqq ixxurtjati dawk il-bdiewa li sabu l-ilma fil-għalqa tagħhom mingħajr xejn taħbit jistgħu biss jgħiduh dawk il-bdiewa l-oħra li ħaffru huma stess biex ifittxu l-ilma. Min jaf kemm hawn bdiewa li nefqu somom kbar ta' flus biex ifittxu l-ilma u nefquhom għalxejn?

### Tibdil ta' Raba' Bagħli f'Saqwi

Xi jfisser l-ilma fir-raba' jistgħu jgħiduh dawk il-bdiewa ta' Ħad-Dingli li jiftakru Ħad-Dingli bħala raba' bagħli. Il-bidla li saret hemm hi tabilħaqq tal-għaġeb. Hekk ikun ukoll f'inħawi oħra fejn il-Gvern sejjer jagħti l-ilma.

Biex il-Gvern iħares ukoll lil dawk il-bdiewa li issa sejjer ikollhom l-ilma, hu għamel liġi li l-qbejjel ta' dawn l-għelieqi ma jistgħux jogħlew.

Aħna l-Maltin għandna żewġ proverbji li joqogħdu ħafna għal dan ix-xogħol li għamel il-Gvern, jew aħjar għal dan is-suġġett li fuqu qegħdin nitħaddtu, li huma dawn: *"Pjaċir mingħajr mitlub nofsu mitluf"*, u l-ieħor *"Il-biskuttini f'ħalq il-ħmir"*! Għaliex?

Wara li l-Gvern beda jwettaq, bi spejjeż kbar, dan il-proġett, xi wħud mill-bdiewa li messithom din ix-xorti, laqgħu l-biċċa bi bruda kbira, anzi xi wħud minnhom donnhom jaħsbu li meta jieħdu dan ir-raba' huma sejrin jagħmlu xi pjaċir kbir lill-Gvern. X'kull waħda! Forsi għandhom raġun dawk li jgħidu li l-bdiewa huma ingrati, jekk ġid bħal dan langas ma jgħarfuh.

Aħna naħsbu li l-bdiewa ma japprezzawx biss għax ma jifhmux ma jifhmux id-differenza li hemm bejn ir-raba' bagħli u r-raba' saqwi! Aħna nħossu rwieħna żguri li meta huma jaraw x'ġid kbir għamlilhom il-Gvern huma jkunu wisq iżjed imħeġġin fuq dan il-proġett. Ħafna minnhom ġa indunaw kemm tabilħaqq jiswa s-saqwi!

### Dmir il-Bidwi

Jinħtieġ iżda nitkellmu ċar u mingħajr biża' ta' xejn. Il-Gvern żied ir-raba' mhux biex jagħmel pjaċir lil dan jew lil dak il-bidwi. Għalkemm hu l-bidwi li b'mod partikulari sejjer igawdi l-frott ta' dan ix-xogħol, il-Gvern, iżda, kull ma għamel għamlu għall-ġid tal-pajjiż u tal-poplu kollu. Għaldaqshekk il-Gvern jaħtieġ li jara illi x-xogħol li jagħmel u l-progress li dan jista' jġib fil-biedja tagħna ma jiġix imfixkel minn xi bdiewa li għadhom jimxu fuq dak li kien jagħmel in-nannu, jew li jaħdmu r-raba' bħala kappriċċ, jew bħala żieda ma' xi xogħol ieħor li jagħmlu barra x-xogħol tar-raba'. It-tbatijiet tas-sena l-oħra ma ninsuhomx! Is-sajf ta' l-1942, wera biċ-ċar kemm jinħtieġ is-saqwi! Il-Gvern għamel spejjeż kbar biex jibda jagħti lil Malta dak li għandha nieqes fil-biedja tagħha. Il-Gvern, fi ftit kliem, beda l-proġett biex jibdel il-biedja tagħna li hi *bħad-dar mibnija fuq ir-ramel* u jagħmilha *dar mibnija fuq il-blat*. Il-poplu m'għandux ibati mħabba xi bidwi wieħed li għandu rasu marbuta u ma jkunx imħajjar jitlaq il-qadim u jdur għal fuq il-progress. Għaldaqstant jekk fejn jagħmel saqwi, il-Gvern isib illi l-bidwi ma jridx jew m'għandux ħajra jaħdmu bħala saqwi u skond ma jitlob is-saqwi, allura l-Gvern imissu jagħti r-raba' f'idejn bdiewa iżjed għaqlin u progressivi li jafu japprezzaw dik il-fortuna hekk sabiħa li l-Gvern qiegħed ipoġġi wara biebhom!

Aħna rridu nittamaw illi l-bdiewa kollha li għandhom jew sa jkollhom ix-xorti li jsibu l-ilma mwassal fil-għalqa tagħhom, ma jitilfu żmien ta' xejn u jibdew jaħdmuh kif inhu xieraq.

Irrid nagħlaq dawn il-kelmtejn bi twissija — twissija li jien nagħti wara esperjenza ta' tletin sena. Niftakru fil-qawl li jgħid: *"Ħadd ma jgħidlek aħsel wiċċek biex tkun isbaħ minni"*. Mela jekk intom tiltaqgħu ma' xi bidwi

(*Jissokta fit-2 faċċata, kolonna 2*)

## IL-BIEDJA F'AWISSU

### Fl-Egħlieqi — Xogħol tar-Raba'

BHALISSA l-art tinsab tikwi bis-sħana tax-xemx u n-nixfa hija fl-aqwa tagħha. Għalhekk, f'dan ix-xahar jissokta jsir l-istess xogħol li sar fix-xahar li ħareġ. Il-bidwi, ikollu ftit xogħol tar-raba' x'jagħmel u jmissu jdur dawra u jagħmel dak li hu meħtieġ, bħallikieku jnaddaf ir-raba' mil-laqx u żrar, jew isewwi r-raba' u jżidlu miegħu l-ħamrija mrammla fejn hu tafli, jew iħalltu bi trab tafli jew trab virġni jekk l-art hija tal-ħamri. Min għadu ma żarax is-silla jfittex jiżragħha.

### Fil-Ġnien — Żrigħ, Taħwil u Tisqija

Iżra' t-tadam tal-ħarifa f'nofs ix-xahar sabiex għal ħruġ Settembru xxettlu f'ħamrija li tkun magħżuqa u mdemmla tajjeb. Ix-xtieli tat-tadam jagħtuk prodott mill-isbaħ li jilħaq jissajjar minn Novembru sa Marzu. Hawwilhom f'post kenni u saqqihom tajjeb sabiex jitilgħu b'saħħithom u magħqudin, sakemm tilħaq l-istaġun tal-kesħa. Għaż-żrigħ tat-tadam, għandek tagħżel żerriegħa tat-tadam ċatt oħxon jew tat-tadam bżenguli kbir. Bħalissa tista' tiżra' l-indivja bikrija, iċ-ċikkwejra, il-ħass, il-kurrat, in-nevew, it-tursin, kif ukoll il-pastard, il-brokkli, il-kaboċċi, il-kaboċċi taz-zokk u l-pitravi. Iżra' l-patata tas-saqwi qabel San Lawrenz biex tilħaq għal bikri. Iżra' qara' bagħli, kif ukoll tista' tiżra' l-qara' bagħli taż-żerriegħa sewda f'post fejn ikun jista' jferrex iz-zkuk tiegħu twal; din ix-xitla tagħtik prodott ta' qara' tari bħal dak tal-qara' bagħli komuni ma' tul ix-xitwa kollha kif ukoll għal bidu tar-rebbiegħa. Tista' tiżra xi ftit flanni ta' piżelli f'rokna mdella biex tilħaq għall-bidu tal-ħarifa u tax-xitwa. Demmel u saqqi l-qaqoċċ biex ikollok prodott bikri. Għall-aħħar tax-xahar jew fi dħul Settembru tista' tiżra' l-ħmiemel tal-basal. Hawwel il-ġidra tal-ħarifa u iżra' l-krafes biex tilħaq tissaħħaħ qabel ma tibda x-xita. Bħalissa tista' wkoll tiżra' l-ispraġ f'ħammiela għad-dell li tkun imdemmla tajjeb u mnaddfa miż-żrar sabiex ikollok roqgħa xtieli li jkunu taqbin biex jixxettlu f'sena jew sentejn.

It-tuffieħ tadam qed jiġrilu ħafna ħsara bi ħruq ix-xemx. Din il-ħsara titnaqqas ħafna kieku aħna nerfgħu x-xitel mill-art.

Ix-xtieli tas-sajf, bħalma huma l-brinġiel, il-bżar aħdar, il-ħjar, il-ħass, l-ispinaċi u oħrajn għandek issaqqihom u kultant tagħtihom qabda demel.

### Siġar tal-Frott

Il-frott tas-siġar bħalissa qiegħed jissajjar u d-dubbiena tal-frott għandha, għalhekk, fuqhiex timraħ. Il-frott imħassar ma għandekx tħallih taħt is-siġra u dak ta' fuq is-sigar tgħattih fil-boroż jew tilqgħu mill-mess tad-dubbiena billi tonsbu bin-nases tad-dubbiena bil-lixka tal-Klensel. Dak il-frott li għadu kif qed isajjar jista' jinqata' u tħallih ikompli jsir f'kamra jew maħżen mudlam fejn ma tilħqux id-dubbiena. Il-lanġas li jsajjar wara nofs Awissu m'għandux jissaqqa mill-inqas minn għaxart ijiem qabel ma jinqata', il-għaliex inkella l-frott jinfaqa' fl-ilma u ma jżommx. Dak il-lanġas li jinqata' xi ftit granet qabel ma jsir, jekk jinħażen, jieħu togħma bnina u jkun isbaħ u togħmtu tkun aħjar milli kieku tħallih isir fis-siġra.

Wara li jinqata' l-frott, it-tisqija tas-siġar għandha titkompla regularment sabiex dawn ma jbatux bil-għatx u jinfexxu fiż-żahar ma' l-ewwel raxxa xita u b'hekk iwaqqgħu l-prodott qabel ma jilħaq iħaxxen u jsir sewwa. Il-lanġas imwaħħar għandu jinqata' f'Settembru, u dak ta' għamla kbira, li jsajjar fix-xitwa jew għal bidu tar-rebbiegħa, għandek tħallih fis-siġra sa l-aħħar granet ta' Ottubru, u wkoll sa l-ewwel granet ta' Novembru, u mbagħad taqtgħu u taħżnu bil-għaqal kollu. Wara l-ħmistax tax-xahar tista' tħawwel it-tin, jew bit-tirqid jew bil-bċejjeċ. Jekk bil-bċejjeċ, dawn għandhom ikunu twal u mgħaddsin fil-fond, bil-qalba pulzier jew żewġ pulzieri 'l fuq mit-trab. Il-bċejjeċ żgħar jistgħu jitħawlu ġewwa qasrija u wara mbagħad jitħawlu għas-seħħ fl-art għeluq ix-xitwa. Issa l-waqt li wieħed iħawwel il-bajtar tax-xewk. Sabiex tħawwel, aqta' l-paliet li jkollhom żewġ għaksiet jew tlieta u, wara li tħallihom jixxuttaw għal xi ġimgħa jew iżjed, għaddashom fil-bejtiet, saqqihom għal darba jew tnejn, ordomhom u erħilhom. Il-għeneb beda jsajjar u wara Santa Marija jista' jinqata' għall-ikel. Iżda għall-inbid, ebda għeneb ma jkun tajjeb qabel Settembru. It-tin f'dan ix-xahar jilħaq isir sewwa, u l-bittiħ ta' l-aħrax ikollu togħma aħjar milli kellu f'Lulju.

:x:

## 'L HAWN U 'L HINN FUQ IL-BIEDJA

### ŻRIGĦ

AWISSU huwa x-xahar li fih jista' jinżara' l-pastard imwaħħar. Fil-Qasam tal-Għammieri, il-Marsa, għad hemm ukoll kwantità ċkejkna ta' żerriegħa tajba għal min irid jixtri, u, billi ma hawnx wisq żerriegħa ta' dan il-prodott, dawk il-bdiewa li jixtiequ jiżirgħu nitolbuhom jaħsbu jixtru mill-iktar fis. Iż-żerriegħa li ngabret minn prodotti fil-Qasam u band'oħra, wara li għamilna xi sperimenti, sibnieha li hija tajba. F'kull prodott tista' tgħid li din iż-żerriegħa wriet li hija wisq aħjar fit-tinbit minn dik li tiġina minn barra, u, m'għandna x'ingħidu xejn, hemm tajjeb li din iż-żerriegħa tinġabar minn xorta ta' prodotti li hawn Malta irnexxew ħafna. Għalhekk il-bdiewa jistgħu, bla biża' ta' xejn, jixtru żrieragħ li nġabru minn prodotti ta' Malta. Dis-sena sar xi taħwil bħala prova tax-xtieli tal-piżelli, ful, fażola ħadra, kaboċċi, pastard, krafes, pitravi, indivja, kurrat, basal, ħass, zfunnarija, nevew aħmar, nevew, ravanell, qara' bagħli, u bittiħ, li trabbew għaż-żrigħ. Nittamaw illi għal ħafna minn dawn il-ħxejjex il-prodott li tħawwel għaż-żrigħ ikun biżżejjed għall-bżonnijiet taż-żewġ Gżejjer għall-istaġun li ġej. Il-prodott li ħadna kien sabiħ u għandna tama qawwija illi 'l quddiem hawn f'Malta nkunu nistgħu nwaqqfu industrja għall-esportazzjoni taż-żrieragħ.

### KOLTIVAZZJONI TA' PJANTI GĦAŻ-ŻERRIEGĦA

Mhix ħaġa li jafha kulħadd illi l-Ingilterra iġġib żrieragħ minn barra b'mijiet ta' eluf ta' liri kull sena. Dawn iż-żrieragħ jinġabru minn prodotti li jitrabbew għad-ditti Ingliżi b'kuntratt ma' bdiewa fi Franza, fl-Olanda, fil-Ġermanja, fl-Italja, fil-Ġappun, fl-Amerika, fil-Kanada u fi New Zealand. Bla dubju ta' xejn iridu jgħaddu xi snin wara l-gwerra sabiex il-kummerċ fil-pajjiżi ta' l-Ewropa jarġa' jiġi floku, u, sadattant, ikunu jinħtieġu ż-żrieragħ ta' ħxejjex u l-iktar ta' fjuri bi kwantitajiet kbar. Għalhekk, Malta għandha issa ċans tajjeb li taħtaf is-suq taż-żrieragħ, ċans li Alla jaf meta jista' jarġa' jiġi. Għalhekk jinħtieġ mhux ftit li l-bdiewa Maltin iħabirku fil-koltivazzjoni taż-żrieragħ qabel ma d-dinja targa' tiġi flokha. It-tnissil taż-żrieragħ għall-esportazzjoni jinħtieġ ċerta attenzjoni ta' reqqa kbira — ngħidu aħna, il-pjanti kollha li minnhom jittieħdu ż-żrieragħ għandhom ikunu għalkollox pjanti ta' razza tajba u pura, u dawk li ma jkunux, imqar kemm xejn, jaqblu ma' din l-għamla tajba u pura ta' dawn il-pjanti għandhom jitneħħew qabel ma jibdew iżerrgħu.

Fil-Qasam tal-Għammieri bħalissa qiegħda ssir biċċa xogħol sabiħa u interessanti għal dik li hi koltivazzjoni ta' żrieragħ u kull bidwi li għandu interess fil-ħaġa u jixtieq jara x'qiegħed isir nistidnuh imur mawra sal-Qasam u jara b'għajnejh, kull nhar ta' xogħol bejn it-8 ta' fil-għodu u l-5 ta' fil-għaxija.

:x:

## KELMTEJN MILL-EDITUR

*(Jissokta mill-ewwel faċċata)*

li għandu s-saqwi li joqgħod jaqtagħlkom qalbkom għas-saqwi, dan ikun aktarx jagħmlu għax għajjur! Għax bħala bidwi tas-saqwi jaf x'ġid għandu f'idejh u ma jkunx jixtieq illi intom ikollkom l-istess xorti tiegħu. Mela jekk inti titħajjar li tieħu parir, ħudu minn għand bniedem tajjeb, minn għand bidwi progressiv, minn għand bniedem li taf li mhux għajjur; jiena żgur li dan ikun qed jagħtik parir tajjeb, u parir, mhux biss li jgħidlek biex inti tibda taħdem dak ir-raba' bħala saqwi bil-ħrara, imma wkoll talli jissuġġerilek liema hu l-aħjar Bank biex fih inti tpoġġi l-qligħ iżjed li sa jkollok bis-saħħa tal-biskuttini li l-Gvern sa jqiegħed f'ħalqek.

## AVVIŻI

**MEKKANIĊI.**—Fil-Qasam tal-Għammieri hemm bżonn ta' ċertu numru ta' Mekkaniċi li huma mdorrijin jimmaniġġaw makkinarju li jaħdem biċ-ċineg. It-taħħana tal-kampanja jkunu ppreferuti jekk ikollhom kwalifikazzjonijiet oħra ndaqs ma' ta' ħaddieħor. Min irid jidħol għal dan ix-xogħol l-ewwel ħaġa li għandu jagħmel jirrikorri għand l-Inkarikat tal-Gonna tal-Għammieri.

**GNIEDES TAR-REFGħA.** — Dan l-aħħar id-Dipartiment tal-Biedja ħareġ avviż fejn fakkar lil kull min għandu gendus jew gniedes tar-refgħa fuq dak li hemm ordnat fil-Liġi tar-13 ta' Diċembru, 1938, dwar it-Torbija ta' l-Ifrat li tgħid li hu kontra l-liġi li tuża gendus tar-refgħa jekk dan ma jkollux liċenza tad-Dipartiment tal-Biedja. Dawk in-nies li għandhom gendus jew gniedes tar-refgħa ġew mitlubin biex japplikaw għal-liċenza, iżda n-numru ta' l-applikazzjonijiet li s'issa waslu fid-Dipartiment tal-Biedja huwa wisq iċken min-numru ta' gniedes tar-refgħa li d-Dipartiment tal-Biedja jaf bihom. Il-Gvern biħsiebu jieħu passi kontra dawk in-nies li jużaw gniedes tar-refgħa għat-tagħmir mingħajr permess, u dawk in-nies kollha li għandhom xi gendus jew gniedes tar-refgħa u għadhom ma applikawx huma mwissijin biex japplikaw mhux iżjed tard minn nhar is-Sibt, is-7 ta' dan ix-xahar. L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lid-Direttur tal-Biedja, fil-bini tal-Liceo, il-Ħamrun, jew l-Uffiċċju tal-Biedja, ir-Rabat, Għawdex.

**TQASSIM TA' TADAM.** — Mid-19 tax-xahar li ħareġ beda jitqassam it-tadam erba' darbiet fil-ġimgħa f'kull belt jew raħal fil-granet imsemmijin hawn taħt. It-tqassim tat-tadam qed isir bir-rata ta' kwart għal persuna, jiġifieri kull persuna jkollha dritt li tixtri ratal tadam fil-ġimgħa. Jekk xi ħadd jixtieq jixtri iżjed minn dik il-kwantità huwa jkun jista' jixtri billi jgħarraf lill-bejjiegħ tal-ħaxix bil-kwantità żejda li jkollu bżonn.

**Postijiet u granet fil-ġimgħa li fihom jitqassam it-Tadam:**

Attard, Balzan, Għira, Lija, Luqa, Marsa, Msida, Raħal il-Ġdid, Tarxien, Sliema, Qormi u San Ġiljan — It-Tlieta, l-Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt.

Birkirkara, Birżebbuġa, Furjana, Kirkop, Mqabba, Pietà, Qrendi, Safi, il-Belt, Żurrieq — L-Erbgħa, il-Ħamis, is-Sibt u l-Ħadd.

Bormla, il-Birgu, l-Isla, il Ħamrun, Żebbuġ u Siġġiewi — It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa.

Għaxaq, Gudja, Wied il-Għajn, Marsaxlokk, Żabbar u Żejtun — It-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis.

Dingli, Rabat — It-Tlieta, l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa.

Għargħur, Mosta u Naxxar — L-Erbgħa, il-Ħamis, is-Sibt u l-Ħadd.

**ŻRIGĦ TAR-RABA'** — Is-sena li għaddiet kien hemm dawn il-liġijiet fuq iż-żrigħ tar-raba': (1) Ħadd ma sata' jiżra' iżjed minn tomnejn raba' silla jew widna għal kull bhima tax-xogħol; (2) Ħadd ma sata' jiżra' iżjed minn nofs tomna furrajna għal kull bhima tax-xogħol; (3) Iż-żrigħ tal-ġilbiena u furrajna u t-taħwil tad-dwieli u qaqoċċ kienu pprojbiti. (4) Kull min kellu dwieli jew qaqoċċ kien obbligat jagħmel xi wiċċ ieħor bejniethom; (5) Kull bidwi kellu jiżra' nofs ir-raba' bil-qamħ, xgħir jew maħlut.

Dawn il-liġijiet kienu saru sabiex tikber il-produzzjoni tal-qmuħ u jonqos iż-żrigħ tal-għalf tal-bhejjem. Dawn il liġijiet kienu ta' sikkatura għall-bidwi, iżda, bħalma jaf kulħadd, is-sena l-oħra għaddejna minn żminijiet koroh u l-Gvern kellu jagħmel dawn il-liġijiet għad-difiża ta' Malta. Din is-sena dawn il-liġijiet tbiddlu għaliex wara li nżara' dak il-qamħ kollu, il-bidwi jkun irid ftit tal-libertà fiż-żrigħ sabiex iqassam l-uċuħ skond il-kondizzjon tar-raba'. Issa dawn il-liġijiet tbiddlu u għas-sena li ġejja l-bidwi għandu jimxi b'dan il-mod:— (1) Kull bidwi li għandu ħamest itmien raba' jew iżjed għandu jiżra, t-terz tar-raba' (jiġifieri tomna minn kull tlieta) qamħ, xgħir, jew maħlut. Din il-liġi ma tolqotx lir-raba' saqwi jew imħawwel dwieli jew siġar tal-frott. Dawk il-bdiewa li ma żergħux nofs ir-raba' bil-qamħ is-sena li għaddiet ikollhom jagħmlu nofs ir-raba' bil-qamħ dis-sena għax ir-raba' tagħhom mhux mikdud bħal ta' dawk li kienu żergħu nofs ir-raba' tagħhom bi qmugħ; (2) Kull min għandu nofs tomna jew iżjed imħawwel dwieli għandu jagħmel bejn dawn id-dwieli prodott tal-ful, kaboċċi jew xi wiċċ approvat mid-Direttur tal-Biedja. Il-Gvern għandu żerriegħa tal-kaboċċi "Flower of Spring" li hija adattata għal dan ix-xogħol għaliex tagħmel weraq ftit u qalba soda u kbira. Liġijiet oħra ma hemmx dwar iż-żrigħ tar-raba'.

**BAJTAR TAX-XEWK.** — Dan l-istaġun qed jingħata permess li jkun jista' jinbiegħ il-bajtar tax-xewk dritt minn għand il-bidwi għal dawk il-bejjiegħa fit-toroq li għandhom il-permess speċjali li jbigħu bajtar tax-xewk. Dawk in-nies li mhumiex bejjiegħa tal-ħaxix bil-liċenza u li jixtiequ jkollhom dan il-permess għandhom japplikaw l-Uffiċċju tal-Biedja, il-Ħamrun.

**XTIELI TAT-TADAM.** — Bħalissa hemm għall-bejgħ kwantità ċkejkna ta' xtieli tat-tadam li jistgħu jittieħdu mill-Qasam tal-Għammieri, il-Marsa, mill-Ħanut taż-Żieragħ u Xtieli, Trieq ir-Rjali, il-Ħamrun, jew mill-Posta tal-Biedja, is-Suq tal-Belt. Il-prezz tax-xtieli hu 1s. il-mija.

**POSTIJIET TAL-FNIEK TAR-RAZZA.** — Għandna ngħarrfu illi l-lum, it-2 ta' Awissu, 1943, sa jinfetaħ Post ġdid tal-Fniek tar-Razza fin-Nru. 10, Trieq il-Pont, il-Mosta, fejn il-fenkiet jistgħu jittieħdu biex jitgħammru, bla ħlas, mill-Fniek tal-Gvern tar-Razza l-Kbira hekk magħrufa bl-isem ta' "Flemish Giant". Dawk in-nies li jieħdu l-fenkiet tagħhom biex jitgħammru f'xi wieħed mill-Postijiet tal-Fniek tar-Razza jkunu jistgħu, meta jiġu biex jiġbru l-fenkiet tagħhom imgħammrin f'dawn il-Postijiet, jixtru mill-Post razzjon ta' ikel imħallat tal-fniek.

Imħabba xi tiswijiet, il-Post tal-Fniek tar-Razza f'San Pawl il-Baħar, sa jingħalaq għal xi ftit taż-żmien mid-data msemmija hawn fuq.

————:x:————

## ĦADD MA JRID JOQGħOD BIL-GħATX

Aħna lkoll ngħidu li aħjar bil-ġuħ milli bil-għatx. Mhux veru? Min hu dak li jissaporti l-għatx? Bil-ġuħ toqgħod, imma malli tħoss l-għatx għal ftit taż-żmien jagħtik ġenn.

Il-Gvern issa ħabbar illi f'Malta hawn nuqqas ta' l-ilma, u għalhekk talab lil kulħadd jibża' għall-ilma. Il-Gvern qalilna wkoll ċar u tond illi l-posizzjoni ta' l-ilma hi serja, u mita jgħid kelma bħal din il-Gvern, aħna għandna nagħmlu attenzjoni mill-ikbar. Ngħiduha kif inhi, il-Gvern ma jħobbx ibeżża' n-nies, u aħna nifhmuha illi l-kustjoni kollha tkun iżjed serja milli jkun qiegħed jurina l-Gvern.

Mela jekk aħna ma rridux li f'dan is-sajf insibu ruħna fl-ikbar dwejjaq, għandna minnufih innaqqsu l-konsum ta' l-ilma tal-vit, jew ta' l-ilma tal-għajn.

Aħna ġie li konna naraw aħna stess il-ħala ta' l-ilma mill-egħjun tat-toroq. Tħallix isir ħala. Mhux biss li ma taħlix int, iżda lanqas ma għandek tħalli lil ħaddieħor jagħmel ħala bla bżonn. Wissi lil min ma jafx u xerred dan il-kliem qalb in-nies kollha tal-kampanja li għandhom l-ilma tal-għajn, tal-vit, jew insomma l-ilma tal-Gvern.

Jekk ikollok xi ilma tal-ħasil tal-ħwejjeġ erfgħu f'barmil jew tnejn, jew fil-banju —uża minnu għal "flushing" tal-loki, jew għall-ħasil ta' l-art, jew għal xi ħasil ieħor.

Fi ftit kliem uża l-ilma tal-Gvern millinqas. Jekk għandek ilma tal-bir, hu paċenzja — AGĦMEL SERVIZZ LIL PAJJIŻEK — uża biss minnu u ħalli l-ilma tal-Gvern lil min ma għandux xorta ta' ilma ieħor.

Inti, bħala bniedem Malti u patrijott, ikollok is-sudisfazzjon li tkun taf li qiegħed tagħmel ġid mill-ikbar lil pajjiżek mhux biss billi tuża ilma inqas, imma wisq iżjed billi ma tuża ilma xejn jekk inti tista' tuża ilma xort'oħra. Ftakar biss li meta tagħmel il-ġid lil pajjiżek ma jkunx hemm bżonn li tagħmlu fid-deher biex wieħed iċapċaplek; il-ġid u s-sagrifiċċju għal pajjiżek huwa dmir, u meta inti tgħin lil pajjiżek, Alla jgħinek.

Jaħtieġ li tibża' għall-ilma. Jaħtieġ li tagħmel ekonomija mill-ilma. Jekk għandek ilma ieħor la tużax l-ilma tal-Gvern.

**Fuq kollox taħlix u tħallix min jaħli ilma.**